TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 413/10

**Carmel Debono**

**vs**

**Miller Distributors Ltd u Victor's Pharmacy**

Illum 13 ta' Lulju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 t'Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' mija u għaxar ewro (€110), rappreżentanti prezz ta' *hair straightener* li wara sentejn u għaxar xhur inkissret u l-garanzija kienet għal tliet snin.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tad-ditti intimati, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara *hair straightener* mingħand Victor's Pharmacy u li kellha garanzija mingħand Miller Distributors Ltd ta' tliet snin u wara sentejn u għaxar xhur din il-*hair straightener* inkissret u għalhekk qed jitlob il-flus lura.

Is-soċjeta' intimata Miller Distributors Ltd issottomettiet illi r-rikorrenti biddel il-*plug* u għalhekk il-garanzija waqgħet, kif ukoll biddel il-*format* tal-prodott.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal jinnota illi ġie kjamat in kawża Victor's Pharmacy.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi r-rikorrenti biddel il-*plug* u b'hekk biddel anke l-kundizzjoni tal-garanzija.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX (+356) 21239888